KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 5.8.2008
KUMM(2008) 506 finali

2008/0161 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-kuntest tal-proposta

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

B'segwitu għas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-hekk imsejħa kawżi "Open Skies", fil-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill ta mandat lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' terzi pajjiżi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet eżistenti bi ftehim Komunitarju[1] (il-"mandat orizzontali"). L-għanijiet ta' ftehimiet ta' dan it-tip huma li jagħtu aċċess mhux diskriminatorju lit-trasportaturi kollha tal-ajru tal-UE għar-rotot bejn il-Komunità u pajjiżi terzi, u sabiex il-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi jinġiebu f'konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

- **Il-kuntest ġenerali**

Ir-relazzjonijiet fil-qasam tal-avjazzjoni internazzjonali bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi tradizzjonalment kienu rregolati permezz ta' ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, permezz tal-Annessi għat-tali ftehimiet u permezz ta' arranġamenti oħrajn bilaterali jew multilaterali b'rabta ma' dan.

Il-klawżoli tradizzjonali ta' dežinjazzjoni fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru tal-Istati Membri jiksru l-liġi Komunitarja. Jagħtu lok lil pajjiż terz li jirrifjuta, jirtira jew jissospendi l-permessi jew l-awtorizzazzjonijiet ta' trasportatur tal-ajru li kien iddežinjat minn Stat Membru iżda li mhux proprjetà sostanzjali ta' dak l-Istat Membru u kkontrollat effettivament minnu jew miċ-ċittadini tiegħu. Instab li dan jikkostitwixxi diskriminazzjoni kontra t-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità li, filwaqt li jkunu stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru, ikunu proprjetà ta' ċittadini ta' Stat Membru ieħor u kkontrollati minnhom. Dan imur kontra l-Artikolu 43 tat-Trattat li jiggarantixxi liċ-ċittadini tal-Istati Membri li jkunu eżerċitaw il-libertà tal-istabbiliment tagħhom l-istess trattament fl-Istat Membru li jkun qed jospitahom bħal dak mogħti liċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru.

Hemm kwistjonijiet oħra, bħat-tassazzjoni jew it-tariffi fuq il-fjuwil tal-avjazzjoni introdotti minn trasportaturi tal-ajru ta' terzi pajjiżi fuq rotot intra-Komunitarji, li fil-każ tagħhom il-konformità mal-liġi Komunitarja għandha tiġi żgurata billi jiġu emendati jew ikkomplementati d-dispożizzjonijiet eżistenti fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi.

- **Id-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim jieħdu post jew jikkomplementaw id-dispożizzjonijiet eżistenti fit-tnax-il ftehim bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u l-Istati Uniti Messikani.

- **Il-konsistenza mal-politiki u l-għanijiet l-oħra tal-Unjoni**

Il-Ftehim se jaqdi għan fundamentali tal-politika Komunitarja dwar l-avjazzjoni esterna billi jġib il-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru konformi mal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 11323/03 tal-5 ta' Ġunju 2003 (dokument ristrett).

2. Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-valutazzjoni tal-impatt

- **Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-metodi ta' konsultazzjoni, is-setturi ewlenin fil-mira u l-profil ġenerali ta' dawk li wieġbu

Sew l-Istati Membri kif ukoll l-industrija ġew ikkonsultati mat-tul kollu tan-negozjati.

Sommarju tat-tweġibiet u ta' kif dawn ġew ikkunsidrati

Il-kummenti li saru mill-Istati Membri u mill-industrija ġew ikkunsidrati.

3. L-elementi ġuridiċi tal-proposta

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Skont il-mekkaniżmi u d-direttivi fl-Anness għall-"mandat orizzontali", il-Kummissjoni nnegozjat ftehim mal-Messiku li jissostitwixxi ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u l-Istati Uniti Messikani. L-Artikolu 2 tal-Ftehim jieħu post il-klawżoli tradizzjonali ta' dežinjazzjoni bi klawżola ta' dežinjazzjoni Komunitarja, li tippermetti lit-trasportaturi kollha tal-ajru tal-Komunità li jibbenefikaw mid-dritt tal-istabbiliment. L-Artikoli 4 u 5 tal-Ftehim jittrattaw żewġ tipi ta' klawżoli li jikkonċernaw kwistjonijiet fil-kompetenza Komunitarja. L-Artikolu 4 jittratta t-tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni, kwistjoni li ġiet armonizzata mid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE li tirriforma [tirristruttura] l-istruttura tal-Komunità [il-qafas Komunitarju] dwar tassazzjoni tal-prodotti tal-enerġija u l-elettriku, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(2) tagħha. L-Artikolu 5 (Il-prezzijiet) isolvi kunflitti bejn il-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru u r-Regolament tal-Kunsill Nru 2409/92 dwar nollijiet u rati għas-servizzi tal-ajru li jipprojbixxu trasportaturi tal-ajru ta' terzi pajjiżi milli jkollhom pożizzjoni dominanti fuq il-prezzijiet tas-servizzi tal-ajru għall-ġarr imwettaq kollu kemm hu fil-Komunità. L-Artikolu 6 jirriżolvi kunflitti potenzjali mar-regoli tal-KE dwar il-kompetizzjoni.

- **Il-bażi ġuridika**

L-Artikoli 80(2) u 300(2) tat-Trattat tal-KE.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta tissejjes kollha kemm hi fuq il-"mandat orizzontali" mogħti mill-Kunsill b'kunsiderazzjoni għall-kwistjonijiet koperti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja u l-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-Ftehim se jemenda jew jikkomplimenta d-dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru biss safejn dan ikun ta' ħtieġa ħalli tiġi żgurata l-konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja.

- **L-għażla tal-istrumenti**

Il-Ftehim bejn il-Komunità u l-Istati Uniti Messikani huwa l-aktar strument effiċjenti sabiex jinġiebu konformi mal-liġi Komunitarja l-ftehimiet bilaterali eżistenti kollha

dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri u l-Istati Uniti Messikani.

4. L-implikazzjonijiet għall-baġit

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit Komunitarju.

5. Tagħrif ieħor

- **Is-simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprovdi għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi bl-ajru bejn l-Istati Membri u l-Istati Uniti Messikani se jiġu ssostitwiti jew ikkomplementati b'dispożizzjonijiet fi ftehim Komunitarju waħdieni.

- **Spjegazzjoni dettaljata tal-proposta**

Skont il-proċedura standard għall-iffirmar u l-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali, il-Kunsill huwa mitlub japprova d-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru u jinnomina l-persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem il-Komunità.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[2],

Billi:

(1) Nhar il-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju,

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità, Ftehim mal-Istati Uniti Messikani dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru f'konformità mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju.

(3) Il-ftehim innegozjat mill-Kummissjoni għandu jiġi ffirmat, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

1. Suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar 'il quddiem, il-President tal-Kunsill b'dan qed jiġi awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jiffirmaw, f'isem il-Komunità, il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru.

2. It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[2] ĠU C , , p. .

2008/0161 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 80(2), flimkien mal-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[4],

Billi:

(1) Nhar il-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju,

(2) Il-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità, Ftehim mal-Istati Uniti Messikani dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru f'konformità mal-mekkaniżmi u d-Direttivi fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar il-bdil ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim Komunitarju,

(3) Il-Ftehim ġie ffirmat f'isem il-Komunità fi …, suġġett għall-konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar 'il quddiem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill .../.../KE fi …[5],

(4) Il-Ftehim għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Il-Ftehim dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani huwa approvat f'isem il-Komunità.

2. It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill b'dan huwa awtorizzat li jinnomina l-persuna li għandha s-setgħa tagħmel in-notifika li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 9(1) tal-Ftehim.

---

[3] ĠU C , , p. .
[4] ĠU C , , p. .
[5] ĠU C , , p. .

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEHIM

dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

bejn l-Istati Uniti Messikani u l-Komunità Ewropea

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

minn naħa, u

L-ISTATI UNITI MESSIKANI

min-naħa l-oħra

(minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-Partijiet"), f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom;

WARA LI KKUNSIDRAW id-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani;

FILWAQT LI JINNUTAW li fil-5 ta' Ġunju 2003, l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea awtorizzaw lill-Kummissjoni Ewropea temenda ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru tagħhom fi ftehim bejn il-Komunità Ewropea u pajjiżi terzi;

FILWAQT LI JINNUTAW li l-Komunità Ewropea għandha l-kompetenza esklussiva fir-rigward ta' bosta aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru li l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea jidħlu jew ikunu daħlu fihom ma' pajjiżi terzi;

FILWAQT LI JAGĦRFU l-importanza li r-relazzjoni bejn l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani tiġi aġġornata fir-rigward tas-servizzi tal-ajru, sabiex ikun hemm bażi legali soda għas-servizzi tal-ajru bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti Messikani u sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tat-tali servizzi tal-ajru;

FILWAQT LI JSOSTNU l-interess tagħhom li jippromwovu l-kompetizzjoni ħielsa fil-qasam tas-servizzi tal-ajru u li jevitaw li kumpaniji tal-ajru jidħlu fi ftehimiet li jkollhom bħala l-għan tagħhom li jtellfu, jirrestrinġu jew jgħawġu l-kompetizzjoni;

FILWAQT LI JINNUTAW li mhuwiex għan il-Komunità Ewropea li taffettwa l-bilanċ bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità Ewropea u t-trasportaturi tal-ajru tal-Istati Uniti Messikani, jew li temenda d-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru li jikkonċernaw id-drittijiet tat-traffiku.

FTEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Id-dispożizzjonijiet ġenerali

1. Ir-referenzi għaċ-ċittadini tal-Istat Membru tal-Komunità Ewropea li huwa Parti fi kwalunkwe wieħed mill-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 1 għandhom jinftehmu bħala referenzi għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Komunità Ewropea.

2. Ir-referenzi għat-trasportaturi tal-ajru tal-Istat Membru tal-Komunità Ewropea li huwa Parti fi kwalunkwe wieħed mill-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 1 għandhom jinftehmu bħala referenzi għat-trasportaturi tal-ajru ddeżinjati minn dak l-Istat Membru tal-Komunità Ewropea.

3. Dan il-Ftehim jibdel ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru elenkati fl-Anness 1, mingħajr ma taffettwa d-drittijiet tat-traffiku eżistenti.

ARTIKOLU 2

Id-deżinjazzjoni minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea

1. Id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jieħdu post id-dispożizzjonijiet li jikkorrispondu magħhom fl-Artikoli elenkati fl-Anness 2(a) u (b) rispettivament, f'dak li għandu x'jaqsam mad-deżinjazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru minn Stat Membru tal-Komunità Ewropea, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi mogħtija mill-Istati Uniti Messikani, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet jew tal-permessi tat-trasportaturi tal-ajru, rispettivament.

2. Mal-wasla ta' deżinjazzjoni minn Stat Membru tal-Komunità Ewropea, l-Istati Uniti Messikani, għandhom joħorġu l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi rilevanti mingħajr dewmien, bil-kundizzjoni li:

   i. it-trasportatur tal-ajru jkun stabbilit fit-territorju tal-Istat Membru tal-Komunità Ewropea li jkun qed jiddeżinjah skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u għandu liċenzja operattiva valida f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, u

   ii. kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru huwa mħaddem u miżmum mill-Istat Membru tal-Komunità Ewropea responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru tiegħu u l-awtorità ajrunawtika rilevanti tkun identifikata b'mod ċar fid-deżinjazzjoni, u

   iii. it-trasportatur tal-ajru jkun proprjetà, direttament jew permezz tal-akbar sehem azzjonarju, u kkontrollat effettivament mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea jew miċ-ċittadini tat-tali pajjiżi, jew mill-pajjiżi elenkati fl-Anness 3 u/jew miċ-ċittadini ta' dawk il-pajjiżi l-oħra.

3. Fil-każijiet kollha fejn ma jiġux sodisfatti dawn il-kundizzjonijiet, l-Istati Uniti Messikani se jirrifjutaw, jirrevokaw, jissospendu jew jillimitaw l-awtorizzazzjonijiet jew il-permessi mogħtija lil trasportatur tal-ajru ddeżinjat minn Stat Membru tal-Komunità Ewropea.

Waqt li jeżerċitaw id-dritt tagħhom taħt dan il-paragrafu, l-Istati Uniti Messikani ma għandhomx jiddiskriminaw bejn trasportaturi tal-ajru tal-Komunità Ewropea abbażi tan-nazzjonalità.

ARTIKOLU 3

Is-sikurezza

1. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplementaw l-Artikoli elenkati fl-Anness 2(c).

2. Fejn Stat Membru tal-Komunità Ewropea jkun iddeżinja trasportatur tal-ajru li l-kontroll regolatorju fuqu huwa eżerċitat u miżmum minn Stat Membru ieħor tal-Komunità Ewropea, id-drittijiet tal-Istati Uniti Messikani skont id-dispożizzjonijiet tas-sikurezza tal-ftehim bejn l-Istat Membru tal-Komunità Ewropea li ddeżinja t-trasportatur tal-ajru u l-Istati Uniti Messikani għandhom japplikaw b'mod ugwali fir-rigward tal-adozzjoni, l-eżerċizzju u ż-żamma tal-istandards tas-sikurezza mill-Istat Membru l-ieħor tal-Komunità Ewropea u fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għall-operat ta' dak it-trasportatur tal-ajru.

ARTIKOLU 4

It-tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni

1. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplimentaw dawk tal-Artikoli elenkati fl-Anness 2(d) ta' dan il-Ftehim.

2. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 2(d) ta' dan il-Ftehim, l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea jistgħu japplikaw, fuq bażi mhux diskriminatorja, imposti, taxxi, dazji, drittijiet jew ħlasijiet, kif xieraq, fuq fjuwil li jiġi fornut fit-territorju tagħhom għall-użu f'inġenju tal-ajru ta' trasportatur tal-ajru ddeżinjat mill-Istati Uniti Messikani li jopera bejn punt fit-territorju ta' dak l-Istat Membru tal-Komunità Ewropea u punt ieħor fl-istess territorju jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor tal-Komunità Ewropea.

3. Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 2(d) ta' dan il-Ftehim, l-Istati Uniti Messikani jistgħu japplikaw, fuq bażi mhux diskriminatorja, imposti, taxxi, dazji, drittijiet jew ħlasijiet, kif xieraq, fuq fjuwil li jiġi fornut fit-territorju tagħhom għall-użu f'inġenju tal-ajru ta' trasportatur tal-ajru ddeżinjat minn Stat Membru tal-Komunità Ewropea li jopera bejn punt fit-territorju tal-Istati Uniti Messikani u punt ieħor fit-territorju ta' pajjiż ieħor fil-kontinent Amerikan.

ARTIKOLU 5

It-tariffi għall-ġarr

1. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkomplimentaw dawk tal-Artikoli elenkati fl-Anness 2(e) ta' dan il-Ftehim.

2. It-tariffi li għandhom jinżammu mit-trasportaturi tal-ajru ddeżinjati mill-Istati Uniti Messikani permezz tal-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 1 li fihom dispożizzjoni elenkata fl-Anness 2(e) ta' dan il-Ftehim għal ġarr li jseħħ kollu kemm hu fi ħdan il-

Komunità Ewropea għandhom ikunu suġġetti għal-liġi Komunitarja. Il-liġi Komunitarja għandha tiġi applikata fuq bażi mhux diskriminatorja.

3. It-tariffi li għandhom jinżammu mit-trasportaturi tal-ajru ddeżinjati mill-Istati Membri tal-Komunità Ewropea permezz tal-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 1 li fihom dispożizzjoni elenkata fl-Anness 2(e) ta' dan il-Ftehim għal ġarr li jseħħ kollu kemm hu bejn l-Istati Uniti Messikani u kwalunkwe punt fil-kontinent Amerikan għandhom ikunu suġġetti għal-leġiżlazzjoni applikabbli. Dik il-leġiżlazzjoni għandha tiġi applikata fuq bażi mhux diskriminatorja.

ARTIKOLU 6

Il-kompatibbiltà mar-regoli tal-kompetizzjoni

1. L-ebda wieħed mill-ftehimiet bilaterali bejn l-Istati Uniti Messikani u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea ma għandu: (i) jiffavorixxi l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiki kkonċertati li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni; (ii) isaħħaħ l-effetti ta' kwalunkwe ftehim, deċiżjoni jew prattika kkonċertata bħal dawn; jew (iii) jiddelega lill-operaturi ekonomiċi privati r-responsabbiltà għat-teħid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

2. Kwalunkwe dispożizzjoni fil-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 1 li mhijiex kompatibbli mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika.

ARTIKOLU 7

L-Annessi għal dan il-Ftehim

L-Annessi għal dan il-Ftehim għandhom jiffurmaw parti integrali minnu.

ARTIKOLU 8

Reviżjoni u Emenda

Il-Partijiet jistgħu, f'kull ħin, jirrevedu jew jemendaw dan il-Ftehim bi qbil reċiproku, bil-miktub. Dawk il-modifiki għandhom jidħlu fis-seħħ skont il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 9(1) ta' dan il-Ftehim.

ARTIKOLU 9

Id-dħul fis-seħħ

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ tletin (30) jum wara d-data tal-aħħar nota li permezz tagħha l-Partijiet ikunu nfurmaw 'il xulxin bil-miktub, permezz tal-mezzi diplomatiċi, li l-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa sabiex dan iseħħ ikunu tlestew.

2. Dan il-Ftehim għandu japplika għall-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 1(b) meta dawn tal-aħħar ikunu daħlu fis-seħħ.

3. Dan il-Ftehim għandu jieħu l-preċedenza f'każ li jkun hemm differenza bejn id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u l-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 1.

ARTIKOLU 10

It-terminazzjoni

1. F'każ li kwalunkwe wieħed mill-ftehimiet bilaterali elenkati fl-Anness 1 jiġi tterminat, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li jkollhom x'jaqsmu ma' dak il-ftehim għandhom jiġu tterminati fl-istess ħin.

2. F'każ li l-ftehimiet kollha bilaterali elenkati fl-Anness 1 jiġu tterminati, dan il-Ftehim għandu jiġi tterminat fl-istess ħin meta jiġi tterminat l-aħħar wieħed minn dawn il-ftehimiet.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji, awtorizzati kif jixraq, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL f'żewġ kopji fi [...], illum il-[...] jum ta' [..., ...], [*is-sena*] bil-lingwa Bulgara, Spanjola, Ċeka, Daniża, Ġermaniża, Estonjana, Griega, Ingliża, Franċiża, Taljana, Latvjana, Litwana, Ungeriża, Maltija, Olandiża, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Finlandiża u Żvediża, b'kull wieħed minn dawk it-testi jkun ugwalment awtentiku. Fil-każ ta' diverġenza, il-verżjoni Spanjola għandu jkollha l-preċedenza.

GĦALL-ISTATI UNITI MESSIKANI **GĦALL-KOMUNITÀ EWROPEA**

ANNESS 1

Lista ta' ftehimiet bilaterali msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim

(a) Ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Uniti Messikani u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, dakinhar tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, kienu ġew konklużi u/jew iffirmati.

- Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Istati Uniti Messikani u l-Gvern Federali tal-Awstrija, iffirmat fi Vjenna, fl-Awstrija, nhar is-27 ta' Marzu 1995, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Messiku – Awstrija".
- Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Istati Uniti Messikani u l-Gvern tar-Renju tal-Belġju, iffirmat fil-Belt tal-Messiku nhar is-26 ta' April 1999, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Messiku – Belġju".
- Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Istati Uniti Messikani u l-Gvern tar-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka, iffirmat fil-Belt tal-Messiku nhar l-14 t'Awwissu 1990, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Messiku – Repubblika Ċeka".
- Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Istati Uniti Messikani u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża, iffirmat f'Pariġi, fi Franza, nhar it-18 ta' Mejju 1993, emendat bil-Ftehim li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Istati Uniti Messikani u l-Gvern tar-Repubblika Franċiża, konklużż permezz ta' skambju ta' noti datati f'Pariġi u fil-Belt tal-Messiku nhar it-13 ta' Jannar u l-4 ta' Frar 2004, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Messiku – Franza".
- Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Istati Uniti Messikani u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, iffirmat fil-Belt tal-Messiku nhar it-8 ta' Marzu 1967, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Messiku – Ġermanja".
- Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti Messikani u r-Repubblika Taljana, iffirmat fil-Belt tal-Messiku nhar it-23 ta' Diċembru 1965, emendat bil-Ftehim li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti Messikani u l-Gvern tar-Repubblika Taljana tat-23 ta' Diċembru 1965, konklużż permezz ta' skambju ta' noti datati f'Ruma, l-Italja nhar it-2 t'Awwissu u s-7 ta' Diċembru 2004, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Messiku – Italja".
- Il-Ftehim bejn il-Gvern tal-Istati Uniti Messikani u l-Gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu dwar it-trasport bl-ajru, iffirmat fil-Belt tal-Messiku nhar id-19 ta' Marzu 1996, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Messiku – Lussemburgu".
- Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Istati Uniti Messikani u l-Gvern tar-Renju tal-Olanda, iffirmat fil-Belt tal-Messiku nhar is-6 ta' Diċembru 1971, emendat bil-Ftehim li jemenda l-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru tas-6 ta' Diċembru 1971 bejn il-Gvern tal-Istati Uniti Messikani u l-Gvern tar-Renju tal-Olanda, konklużż permezz ta' skambju ta' noti datati l-24 t'Awwissu 1992 fil-Belt tal-Messiku, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Messiku – Olanda".

– Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Istati Uniti Messikani u l-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja, iffirmat fil-Belt tal-Messiku nhar il-11 ta' Ottubru 1990, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Messiku – Polonja".

– Il-Ftehim dwar it-Trasport Ċivili bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Istati Uniti Messikani u l-Gvern tal-Portugall, iffirmat f'Liżbona, fil-Portugall, nhar it-22 ta' Ottubru 1948, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Messiku – -Portugall".

– Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tal-Istati Uniti Messikani u l-Gvern tar-Renju ta' Spanja, iffirmat fil-Belt tal-Messiku nhar il-21 ta' Novembru 1978, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Messiku – Spanja".

– Il-Ftehim bejn il-Gvern tal-Istati Uniti Messikani u l-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq dwar is-servizzi tal-ajru, iffirmat fil-Belt tal-Messiku nhar it-18 ta' Novembru 1988, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim Messiku – Renju Unit".

(b) Ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Uniti Messikani u l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea li, dakinhar tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, ma kienx għadhom fis-seħħ.

– Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti Messikani u r-Repubblika Portugiża, iffirmat fil-Belt tal-Messiku nhar is-6 ta' Novembru 1996.

– Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn l-Istati Uniti Messikani u r-Renju ta' Spanja, iffirmat f'Madrid, fi Spanja, nhar it-8 ta' April 2003.

ANNESS 2

Lista tal-Artikoli fil-ftehimiet elenkati fl-Anness 1 u msemmija fl-Artikoli 2 sa 6 ta' dan il-Ftehim

(a) Id-dežinjazzjoni minn Stat Membru:

- L-Artikolu 3 tal-Ftehim Messiku – Awstrija;
- L-Artikolu 3 tal-Ftehim Messiku – Belġju;
- L-Artikolu 3 tal-Ftehim Messiku – Repubblika Ċeka;
- L-Artikolu 3 tal-Ftehim Messiku – Franza;
- L-Artikolu 3 tal-Ftehim Messiku – Ġermanja;
- L-Artikolu 3 tal-Ftehim Messiku – Italja;
- L-Artikolu 3 tal-Ftehim Messiku – Lussemburgu;
- L-Artikolu 3 tal-Ftehim Messiku – Olanda;
- L-Artikolu 3 tal-Ftehim Messiku – Polonja;
- L-Artikolu 3 tal-Ftehim Messiku – Portugall;
- L-Artikolu 3 tal-Ftehim Messiku – Spanja;
- L-Artikolu 4 tal-Ftehim Messiku – Renju Unit;

(b) Ir-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet jew tal-permessi:

- L-Artikolu 4 tal-Ftehim Messiku – Awstrija;
- L-Artikolu 5 tal-Ftehim Messiku – Belġju;
- L-Artikolu 4 tal-Ftehim Messiku – Repubblika Ċeka;
- L-Artikolu 4 tal-Ftehim Messiku – Franza;
- L-Artikolu 4 tal-Ftehim Messiku – Ġermanja;
- L-Artikolu 4 tal-Ftehim Messiku – Italja;
- L-Artikolu 4 tal-Ftehim Messiku – Lussemburgu;
- L-Artikolu 4 tal-Ftehim Messiku – Olanda;
- L-Artikolu 4 tal-Ftehim Messiku – Polonja;
- L-Artikolu 4 tal-Ftehim Messiku – Portugall;
- L-Artikolu 4 tal-Ftehim Messiku – Spanja;
- L-Artikolu 5 tal-Ftehim Messiku – Renju Unit;

(c) Is-sikurezza:

- L-Artikolu 6 tal-Ftehim Messiku – Awstrija;
- L-Artikolu 7 tal-Ftehim Messiku – Belġju;
- L-Artikolu 6 tal-Ftehim Messiku – Repubblika Ċeka;
- L-Artikolu 6a tal-Ftehim Messiku – Franza;
- L-Artikolu 6a tal-Ftehim Messiku – Italja;

– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Messiku – Lussemburgu;
– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Messiku – Olanda;
– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Messiku – Polonja;
– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Messiku – Portugall;
– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Messiku – Renju Unit;

(d) It-tassazzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni:
– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Messiku – Awstrija;
– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Messiku – Belġju;
– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Messiku – Repubblika Ċeka;
– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Messiku – Franza;
– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Messiku – Ġermanja;
– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Messiku – Italja;
– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Messiku – Lussemburgu;
– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Messiku – Olanda;
– L-Artikolu 8 tal-Ftehim Messiku – Polonja;
– L-Artikolu 6 tal-Ftehim Messiku – Portugall;
– L-Artikolu 5 tal-Ftehim Messiku – Spanja;
– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Messiku – Renju Unit;

(e) It-tariffi fuq il-ġarr:
– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Messiku – Awstrija;
– L-Artikolu 13 tal-Ftehim Messiku – Belġju;
– L-Artikolu 3 tal-Ftehim Messiku – Repubblika Ċeka;
– L-Artikolu 12 tal-Ftehim Messiku – Franza;
– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Messiku – Ġermanja;
– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Messiku – Italja;
– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Messiku – -Lussemburgu;
– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Messiku – Olanda;
– L-Artikolu 11 tal-Ftehim Messiku – Polonja;
– L-Artikolu 16 tal-Ftehim Messiku – Portugall;
– L-Artikolu 7 tal-Ftehim Messiku – Spanja;
– L-Artikolu 10 tal-Ftehim Messiku – Renju Unit;

ANNESS 3

Lista ta' pajjiżi oħra msemmija fl-Artikolu 2 ta' dan il-Ftehim

a) Ir-Repubblika tal-Iżlanda (skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

b) Il-Prinċipat tal-Liechtenstein (skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

c) Ir-Renju tan-Norveġja (skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);

d) Il-Konfederazzjoni Żvizzera (skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar it-Trasport bl-Ajru).